DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/597/PESK

tas-27 ta' Lulju 2009

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkommandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (operazzjoni Atalanta).

(2) L-Artikolu 10(3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jipprovdi li l-modalitajiet dettaljati għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2004, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, innegozjat Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Operazzjoni Atalanta ("il-Ftehim").

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiġu applikati fuq bażi provviżorja, sad-dħul fis-seħħ tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Operazzjoni Atalanta) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għal konklużjoni tal-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim li jorbot lill-Unjoni Ewropea, suġġett għal konklużjoni tal-Ftehim.

Artikolu 3

Skond l-Artikolu 10(2) tal-Ftehim, il-Ftehim għandu, pendenti d-dħul fis-seħħ tiegħu, jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sa mid-data tal-iffirmar tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

C. BILDT

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.